MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 202/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghall-perjodu ta' bejn is-17 ta' Novembru, 2009 sal-15 ta' Dicembru, 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil martu Emanuela Cauchi u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment għaliha w/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tibdel, tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata billi tibdel u tirriforma w timmodifika l-piena li ġiet inflitta w minflok timponi piena ġusta ghall-każ odjern u tikkonfermaha mill-bqija.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena li fic-cirkostanzi kienet wahda eċċessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha hawn fuq deskritti tal-appellant u stante li d-detenzjoni tista' tkun ta' detriment għal saħħet l-appellant.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet.

Semgħet li l-manteniment ordnat mill-Qorti mhux qed jingħata mill-imputat.

Semgħet lill-imputat jixhed li huwa mhux qed ikollu dħul minn fejn jista' jħallas il-manteniment u li kien qed jipprova jsib mezz sabiex huwa jobdi d-digriet tal-Qorti.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett li mill-fedina penali aġġornata tal-appellant jirriżulta li li mhux darba kien ikkundannat detenzjoni għaliex naqas li jonora l-orni ta' manteniment.

It-tieni, din il-Qorti taqbel għal kollox mas-sentenza ċitata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Mejju 2010. Is-sentenza li qed issir referenza għaliha hija 'Il-Pulizija vs Alfred Camilleri' (18 ta' Settembru 2002). Fi ftit kliem, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mhix xi Qorti ta' Appell minn digrieti jew sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mis-Sekond'Awla jew mill-Qorti tal-Appell. Tkun xi tkun ir-raġuni, l-ordni tal-Qorti biex jingħata manteniment trid tkun obduta għal kollox u bla riservi.

It-tielet, din il-Qorti m'hija xejn konvinta li l-imputat qed jagħmel l-almu tiegħu biex jagħti l-manteniment li huwa indispensabbli li jingħata fiċ-ċirkostanzi. Huwa ħafif li tgħid li int marid biex teħles mill-obbligu.

Il-Qorti qed tagħmel tagħha r-rimarka tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li sakemm

*'l-imputat jippersisti fl-inadempjenza tiegħu u ma jivversa ebda ħlas ta'manteniment u jibqa' ma jagħmel xejn biex dan l-istat ta' fatt b'xi mod jinbidel ser jibqa' jingħata l-istess tip ta' piena fil-każ ta' sejbien ta' ħtija.'*

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tat-3 ta' Mejju 2010 bil-piena mogħtija fit-tali sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------